Nru. 333

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

PROPRJETÀ NUMRU 48
TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER
TAS-SLIEMA

(ara l-pjanta fuq paġna 3652) tista' tkun ta' valur arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi mwaqqa', danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà numru 48 (skond il-pjanta msemmija) fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema, għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħha.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi mwaqqa' jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 333

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

PROPERTY NO. 48
TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER
SLIEMA

(see site plan on page 3652) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.


(i) The premises No. 48 (as per mentioned site plan) at Triq Ġorġ Borg Olivier, Sliema is to be considered as a Grade 2 listed property, as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.

(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200 Valletta
Tel.240976 Fax.224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E:54994, N74509
Max E:55458, N74926

Title :-

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Ref No. :- GF 381/96

No.48 Triq Gorg Borg Olivier, Sliema

Form No :- MU003